



Brussell, 25 ta' Novembru 2024
(OR. en)

15477/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0078(NLE)

EDUC 415
SOC 824
RECH 493
JEUN 275
DIGIT 227
ENV 1099

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar karrieri attraenti u sostenibbli fl- edukazzjoni għolja

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż ir-Rakkomandazzjoni msemmija hawn fuq, adottata mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu fil-25 ta' Novembru 2024.

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill

dwar karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni għolja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 flimkien mal-Artikolu 153(1)(b) u (i), u l-Artikoli 165(4) u 166(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

1. Karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni għolja huma essenzjali għal istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tal-Unjoni li jirnexxu u kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar profonda bejn l-Istati Membri, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija Ewropea li tagħti s-setgħa lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għall-futur tal-Ewropa¹. It-tisħiħ tal-edukazzjoni għolja Ewropea huwa wieħed mill-prijoritajiet strateġiċi stabbiliti mill-Kunsill² għad-deċennju attwali.

¹ ĠU C 167, 21.4.2022, p. 9.

² Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030) (ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1).

2. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni,
- "karrieri sostenibbli fl-edukazzjoni għolja" jenħtieġ li tinftiehem bħala impjeg kontinwu tal-persunal akkademiku u tas-servizzi professjonali f'sekwenzi ta' esperjenzi tal-karriera li jiffaċilitaw l-iżvilupp personali u professjonali u l-benesseri tagħhom maż-żmien;
 - "persunal akkademiku fl-edukazzjoni għolja" jenħtieġ li tinftiehem bħala persunal li l-assenjazzjoni primarja jew maġġuri tiegħu hija t-tagħlim jew ir-riċerka f'istituzzjonijiet li joffru programmi fil-livelli 5 sa 8 tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK). Il-membri tal-persunal koperti minn din ir-Rakkomandazzjoni jinkludu kemm dawk li jaħdmu f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jgħallmu u jagħmlu riċerka, kif ukoll dawk involuti fit-tagħlim biss, jew kważi biss, irrISPettivament mill-istatus tagħhom. It-terminu jinkludi wkoll riċerkaturi li jaħdmu f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, li jista' ma jkollhomx inkarigu ta' tagħlim permanenti, iżda li jkunu involuti fil-ħajja tal-istituzzjoni u li kultant jistgħu jkunu involuti fit-tagħlim;
 - "istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja" jenħtieġ li tinftiehem bħala referenza għas-settur kollu, li jirrappreżenta l-qasam kollu tal-edukazzjoni terzjarja, u b'hekk ikopri t-tipi kollha ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali.
3. Xi rakkomandazzjonijiet jinkludu persunal tas-servizzi professjonali attivi fl-edukazzjoni għolja li mhuwiex strettament meqjus bħala "persunal akkademiku", iżda li għandu għarfien espert estensiv ta' livell għoli f'oqsma strateġiċi, legali, ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali jew ta' komunikazzjoni, professjonisti li jaħdmu f'oqsma relatati ma' kompiti akkademiċi iżda mingħajr involviment dirett fihom, jew professjonisti tal-edukazzjoni għolja b'għarfien estensiv tal-edukazzjoni għolja u ta' politika rilevanti oħra.

4. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja huma strateġiċi fl-indirizzar tal-isfidi soċjoekonomiċi li jikkontribwixxu għall-innovazzjoni, il-kompetittività, il-multilingwiżmu, l-iżvilupp kulturali, soċjali u demokratiku fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej. Dawn qed jesperjenzaw kundizzjonijiet li qed jinbidlu, u qed jinħolqu tipi ġodda ta' governanza, mudelli edukattivi u attivitajiet akkademiċi. Il-persunal akkademiku fl-edukazzjoni għolja huwa mistenni li jissodisfa diversi rwoli, li jvarjaw mill-edukazzjoni u r-riċerka tradizzjonali sal-ħolqien ta' opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid għall-ħtiġijiet li jinbidlu b'rata mgħaġġla tal-ħajja tax-xogħol, u għall-intraprenditorija u l-innovazzjoni, it-tmexxija, il-valorizzazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien, il-kooperazzjoni reġjonali, nazzjonali u tranżazzjonali, l-involviment tan-negozju u tal-komunità³, l-iżvilupp reġjonali u lokali, il-mentoraġġ, l-appoġġ għat-tfassil tal-politika, l-amministrazzjoni u l-ġestjoni u l-parteċipazzjoni fil-governanza istituzzjonali. Dawn id-diversi rwoli mhumiex rikonoxxuti b'mod uniformi. Sabiex jiġi indirizzat il-preġudizzju fl-istrutturi tal-karriera u fir-rikonoxximent soċjali ġenerali tar-riċerka għad-detriment tat-tagħlim u attivitajiet akkademiċi oħra mhux ta' riċerka, ikun xieraq li jiġu promossi approċċi li jirrikonoxxu d-diversi perkorsi ta' karriera akkademika u li dawn jiġu kkunsidrati fil-proċessi ta' evalwazzjoni tal-persunal u ta' promozzjoni tal-karriera.

³ Il-missjoni tal-edukazzjoni għolja tmur lil hinn mill-funzjonijiet tal-edukazzjoni u r-riċerka. *L-involviment tan-negozju* jfisser l-istabbiliment ta' sħubijiet bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u n-negozju, li jwasslu għal benefiċċji reċiproċi bħall-aċċess għal teknoloġiji ġodda għall-kumpaniji, u l-aċċess għal opportunitajiet doppji ta' edukazzjoni u taħriġ, tagħmir, għarfien espert jew networks lil hinn mid-dinja akkademika għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja. *L-impenn komunitarju* jfisser it-tisħiħ tal-valuri demokratiċi u l-impenn ċiviku, l-indirizzar tal-ħtiġijiet ta' gruppi vulnerabbli, il-kontribut għall-iżvilupp kulturali u soċjoekonomiku, l-infurmar tal-politika pubblika u l-indirizzar tal-isfidi soċjali fuq skala kbira.

5. Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet aħjar għall-persunal akkademiku u l-indirizzar ta' ostakli jista' jgħin biex tiżdied l-attraenza tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja bħala postijiet tax-xogħol u jsaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jiskattaw effetti konsegwenzjali pożittivi addizzjonali, b'mod partikolari fuq is-suq tax-xogħol billi jstimulaw l-iżvilupp tat-talent. Persunal akkademiku aktar apprezzat u appoġġat jista' jgħin biex titrawwem il-forza tax-xogħol meħtieġa għall-iżvilupp tal-ekonomija, li hija dejjem aktar dipendenti fuq l-għarfien, l-innovazzjoni, u persuni b'ħiliet għolja. L-importanza ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja attraenti u effettivi ġiet rikonoxxuta b'mod partikolari f'reġjuni li qed jiffaċċaw nassa tal-iżvilupp tat-talenti jew friskju li jaqgħu f'waħda, li għadhom lura fir-rigward tal-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi ġodda.⁴
6. L-attivitajiet u l-kooperazzjoni nazzjonali u tranżnazzjonali strateġiċi, bħall-bini ta' alleanzi tal-Universitajiet Ewropej jew forom oħra ta' alleanzi u l-iżvilupp ta' programmi u proġetti edukattivi tranżnazzjonali, l-iskambji tal-persunal akkademiku u l-ħolqien ta' offerti ta' edukazzjoni u taħriġ għal apprendiment kontinwu, qegħdin dejjem aktar jirrikjedu li l-persunal akkademiku, kif ukoll il-persunal tas-servizzi professjonali, jiddedikaw ħin u enerġija addizzjonali għal dawk l-attivitajiet minbarra t-tagħlim u r-riċerka ewlenin. Sabiex jiġu appoġġati dawn l-attivitajiet, jeħtieġ li l-politiki tar-riżorsi umani, bħall-evalwazzjoni u l-promozzjoni, jirrikonoxxu l-involvement tal-persunal fil-ħidma dwar il-kooperazzjoni nazzjonali u tranżnazzjonali u l-ammont ta' xogħol addizzjonali li dan jista' toħloq.

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2023 dwar l-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa (COM (2023) 32 final).

7. Ambjent tax-xogħol ħieles, sikur u nondiskriminatorju, b'politiki tal-ugwaljanza li jippromwovu l-inklużività, id-diversità u l-għieda kontra d-diskriminazzjoni u li jkun ħieles minn kull forma ta' fastidju u vjolenza, inkluż il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, huwa fattur importanti li jippermetti lill-persunal akkademiku jipprovdi taġġlim ta' kwalità għolja. Il-persunal akkademiku u l-persunal tas-servizzi professjonali jistgħu jiffaċċaw ukoll sfidi marbuta ma' kundizzjonijiet tax-xogħol mhux sodisfaċenti⁵, ammont kbir ta' xogħol u preġudizzji tal-ġeneru fil-valutazzjoni u r-rikonoxximent. Barra minn hekk, in-nisa huma impjegati b'kuntratti prekarji u temporanji aktar ta' spiss mill-irġiel⁶. Sabiex jiġu indirizzati dawk l-isfidi, huwa meħtieġ li jiġu promossi kundizzjonijiet tax-xogħol kompetittivi, trasparenti, aċċessibbli u ġusti fid-dinja akkademika.
8. L-awtonomija istituzzjonali, il-libertà u l-integrità akkademika, il-parteċipazzjoni tal-istudenti u l-persunal fil-governanza tal-edukazzjoni għolja, u r-responsabbiltà pubblika għall-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni għolja huma mezzi ewlenin biex tiġi żgurata edukazzjoni għolja ta' kwalità għolja u jenħtieġ li jiġu protetti u promossi.
9. L-azzjoni tal-Unjoni biex jiġu promossi l-inklużività, id-diversità u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni għolja hija bbażata fuq approċċ ta' eċċellenza inklużiv. Din tfittex li tappoġġa l-edukazzjoni għolja eċċellenti filwaqt li tiżgura l-ugwaljanza tal-parteċipazzjoni b'enfasi speċjali fuq in-nisa, gruppi sottorappreżentati u komunitajiet żvantaġġati. Sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni li qed jiffaċċaw ċerti gruppi sottorappreżentati, b'mod partikolari f'pożizzjonijiet ta' tmexxija, ikun xieraq li jiġu promossi pjanijiet ta' ugwaljanza, diversità u inklużjoni fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, u fil-proċessi ta' promozzjoni tal-karriera.

⁵ Inkluż nuqqas ta' miżuri ta' akkomodament raġonevoli għal persuni b'diżabilità, kif imsemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, She figures 2021 – Gender in research and innovation – Statistics and indicators, Publications Office, 2021.

10. Din ir-Rakkomandazzjoni hija mfassla f'sinerġija mill-qrib mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-Ewropa⁷, li għandha l-għan li tippromwovi karrieri fir-riċerka aktar attraenti fis-setturi kollha, inkluż fid-dinja akkademika, kif ukoll rikonoxximent sħiħ għat-tipi kollha ta' perkorsi ta' karriera. Iż-żewġ rakkomandazzjonijiet għandhom l-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-istabbiltà tal-karrieri, il-ħiliet u l-kompetenzi, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużività u l-miżuri ta' protezzjoni soċjali għall-gruppi fil-mira rispettivi tagħhom.
11. Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tippromwovi miżuri li jtejbu l-iżvilupp professjonali kontinwu, u li tirrikonoxxi aktar il-varjetà ta' attivitajiet li jwettqu l-persunal akkademiku. Dan ser jippermetti mobilizzazzjoni tal-persunal biex jiżviluppa prattiki ta' taġlim u apprendiment innovattivi bħala parti minn perspettiva ta' taġlim tul il-ħajja, jstimula l-mentalità ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, u jippromwovi l-akkwist ta' ħiliet u kompetenzi għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inkluż l-użu tal-intelliġenza artifiċjali fit-taġlim, fl-apprendiment u fir-riċerka abbażi ta' prinċipji etiċi.
12. Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tippromwovi kundizzjonijiet kompetittivi, prevedibbli, ġusti, inklużivi, aċċessibbli, sikuri u nondiskriminatorji sabiex il-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali jiġi attirat lejn is-settur tal-edukazzjoni għolja u jinżamm fih. Jenħtieġ li l-persunal akkademiku jkun jista' jiżviluppa metodi ta' taġlim innovattivi f'ambjent fejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu kompetittivi u ġusti, fejn id-drittijiet fundamentali jkunu protetti u ma jkun hemm l-ebda biża' ta' ritaljazzjoni u/jew influwenza esterna indebita, u fejn ikun hemm il-possibbiltà ta' żvilupp professjonali.

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2023 dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa (ĠU C, C/2023/1640, 29.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1640/oj>).

13. Din ir-Rakkomandazzjoni għandha wkoll l-għan li ttejjeb il-bażi tal-evidenza għall-iżvilupp ta' politiki u strateġiji dwar ir-riżorsi umani fl-edukazzjoni għolja. Peress li d-data komparabbli internazzjonalment dwar il-persunal akkademiku għadha insuffiċjenti u peress li settijiet diverġenti ta' kategoriji tal-persunal jintużaw f'sistemi differenti ta' edukazzjoni għolja, ikun xieraq li tiġi esplorata l-possibbiltà li tinġabar data aktar dettaljata permezz ta' strumenti rilevanti, primarjament permezz tal-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja⁸ u l-Osservatorju tal-Karrieri fir-Riċerka u l-Innovazzjoni (ReICO) sabiex jiġu mmonitorjati b'mod suffiċjenti x-xejriet emerġenti u jittieħdu passi ta' politika verament infurmati dwar l-evidenza filwaqt li tissaħħaħ il-kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar profonda fil-livell tal-Unjoni.
14. Kooperazzjoni tranżnazzjonali Ewropea aktar profonda u effettiva fl-edukazzjoni għolja hija kruċjali għall-appoġġ tal-valuri, l-identità u d-demokrazija tal-Unjoni. Hija wkoll vitali għall-kompetittività u l-attraenza tal-Ewropa. Permezz tal-kooperazzjoni transfruntiera, is-sistemi u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jsiru aktar b'saħħithom, aktar innovattivi u aktar effiċjenti. L-involviment tal-persunal fit-tħejjija, l-inkoraġġiment u sussegwentement l-appoġġ tal-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal, inkluż dawk involuti fl-inkorporazzjoni tal-mobbiltà fil-kurrikuli, jenħtieġ li jiġi promoss, rikonoxxut u apprezzat aktar.

⁸ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Jannar 2022 dwar strateġija Ewropea għall-universitajiet (COM(2022)16). Il-Kummissjoni qed twaqqaf l-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja. L-Osservatorju huwa maħsub li jgħaqqad l-aħjar għodod u kapaċitajiet attwali tad-data tal-UE f'post wieħed, filwaqt li jkompli jsaħħaħ l-użu tagħhom.

15. Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tteġġeg rikonoxximent aħjar tal-enerġija u tal-ħin li l-persunal akkademiku u persunal ieħor tas-servizzi professjonali jiddedikaw għal attivitajiet ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali, pereżempju l-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej. Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa ta' din l-inizjattiva, u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali, inkluż l-iżvilupp ta' lawrji konġunti, jenħtieġ li jiġi promoss l-involviment sħiħ tal-persunal u l-perspettivi tal-karriera għall-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali involut ffunzjonijiet ta' koordinazzjoni strateġika. L-inċentivar tal-persunal biex jippromwovi l-mobbiltà tranżnazzjonali u intersettorjali għandu jikkontribwixxi ħafna wkoll għall-iżvilupp ta' programmi edukattivi tranżnazzjonali innovattivi u interdixxiplinari, għall-benefiċċju tal-istudenti kollha,

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI:

B'kunsiderazzjoni xierqa għall-awtonomija istituzzjonali u l-libertà akkademika, u f'konformità ma' ċirkostanzi nazzjonali:

1. Jippromwovu, jirrikonoxxu u jivvalorizzaw diversi rwoli akkademiċi, inkluż it-tagħlim innovattiv u effettiv u t-trasferiment tal-għarfien lis-soċjetà, u b'mod partikolari:
 - a) jinvolve ruħhom f'konsultazzjoni mas-settur tal-edukazzjoni għolja, bl-għan li:
 - i) itejbu l-politiki tar-riżorsi umani fis-settur tal-edukazzjoni għolja biex jirrikonoxxu aktar u jippremjaw rwoli differenti simili tal-persunal akkademiku, bħat-tagħlim, ir-riċerka, l-intraprenditorija u l-innovazzjoni, il-valorizzazzjoni u t-tixrid tal-għarfien, il-kooperazzjoni nazzjonali u tranżnazzjonali, l-involviment tan-negozju u tal-komunità, l-iżvilupp reġjonali u lokali, il-mentoraġġ, l-amministrazzjoni u l-ġestjoni, u l-parteċipazzjoni fil-governanza istituzzjonali;
 - ii) jippromwovu aktar l-approċċi, kemm ġodda kif ukoll eżistenti, li jivvalorizzaw, jirrikonoxxu u jippremjaw diversi perkorsi tal-karriera akkademika, sabiex tiġi ffaċilitata l-permeabbiltà tal-karrieri fir-rwoli differenti tal-persunal akkademiku kif imsemmi fil-punt 1(a)(i); f'diversi setturi pubbliċi u privati; u f'diversi pajjiżi, b'kont meħud tal-waqfiet fil-karriera⁹ b'mod trasparenti;

⁹ Pereżempju, minħabba r-responsabbiltajiet tal-paternità u tal-indukrar jew kwistjonijiet tas-saħħa.

- iii) jiżviluppaw aktar il-prattiki fis-settur tal-edukazzjoni għolja, bil-ħsieb li jiġi valorizzat it-titjib tat-tagħlim u l-iżvilupp tal-persunal, u biex jiġu promossi l-parità tal-istima għat-tagħlim meta mqabbla mar-riċerka, fl-evalwazzjoni u l-promozzjoni tal-persunal;
 - iv) iħeġġu t-tmexxija istituzzjonali fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja sabiex iżidu u jżommu l-fokus fuq l-apprendiment, it-tagħlim u t-trasferiment tal-għarfien billi jagħtu kemm jista' jkun attenzjoni lil dawn l-attivitajiet kif ukoll lir-riċerka, u biex jagħtu valur lil dawk li jippromwovu, b'mod attiv, it-tagħlim u l-eċċellenza fl-apprendiment fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u jippromwovu l-prattiki tajbin fil-valutazzjoni tal-eċċellenza fit-tagħlim;
 - v) jappoġġaw il-parteċipazzjoni tal-persunal akkademiku f'diskussjonijiet dwar ir-riforma u l-proċessi fil-livell nazzjonali, reġjonali u istituzzjonali relatati mal-karriera tagħhom, inkluż il-valutazzjoni u l-iżvilupp professjonali;
- b) jappoġġaw l-iżvilupp ta' Prattiki fis-settur tal-edukazzjoni għolja bil-ħsieb li jsir investiment f'ħiliet kontinwi u żvilupp professjonali billi:
- i) jipprovdu taħriġ u appoġġ xierqa għall-persunal akkademiku li jwettaq attivitajiet ta' tagħlim, inkluż persunal fil-bidu tal-karriera u għalliema part-time;
 - ii) jappoġġaw it-titjib tat-tagħlim b'metodi pedagoġiċi ġodda, pereżempju bl-użu ta' riċerka dwar it-tagħlim u l-ħolqien ta' ċentri innovattivi ta' tagħlim u apprendiment fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, li jibnu fuq komunitajiet tal-prattika eżistenti u libreriji universitarji, sabiex jassistu lill-persunal akkademiku fil-missjoni ta' tagħlim tagħhom;

- iii) jappoġġaw l-iżvilupp professjonali kontinwu għall-persunal akkademiku f'approċċi innovattivi u ċċentri fuq l-istudenti għall-apprendiment u għat-tagħlim, li jwasslu għal ċertifikazzjoni, pereżempju permezz tal-mikrokredenzjali¹⁰, sabiex jettejbu l-metodi u l-prattiki tat-tagħlim diġitali u innovattivi, inkluż permezz tal-isfruttament tal-użu sikur, etiku u trasparenti tal-intelliġenza artifiċjali, l-inkorporazzjoni tal-apprendiment għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli fil-korsijiet taġġhom¹¹, il-promozzjoni ta' approċċi ta' apprendiment inklużivi mmirati lejn gruppi diversi ta' studenti, inkluż dawk l-aktar vulnerabbli, l-integrazzjoni tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali fil-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-kondiviżjoni tal-għarfien permezz ta' korsijiet online mal-bqija tad-dinja abbażi ta' Prattiki Edukattivi Miftuħa¹²;
- c) jikkunsidraw l-integrazzjoni possibbli ta' indikaturi li jivvalutaw il-grad ta' innovazzjoni u kwalità fit-tagħlim u fl-apprendiment fil-proċessi eżistenti tal-assigurazzjoni tal-kwalità, filwaqt li jużaw l-għarfien espert tal-Grupp Permanenti dwar l-Indikaturi u l-Punti ta' Referenza.

¹⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabilità (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 10).

¹¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 1).

¹² Il-prattiki edukattivi miftuħa jirrappreżentaw tekniki ta' tagħlim li jużaw teknoloġiji miftuħa u parteċipattivi u riżorsi edukattivi miftuħa biex jiffaċilitaw it-tagħlim kollaborattiv u flessibbli.

2. Jinkoraġġixxu r-rispett għall-ftehimiet kollettivi, id-djalogu soċjali effettiv u l-awtonomija tas-sħab soċjali, u jieħdu azzjoni ta' appoġġ li tippermetti lill-impjegaturi jipprovdu kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti, inklużivi u kompetittivi, li fihom il-persunal akkademiku u ta' servizzi professjonali jkun apprezzat, imħeġġeġ u appoġġat. Tali azzjoni ta' appoġġ tista' tinkludi:
- a) it-titjib tal-prattiki ta' rekrutazzjoni u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali, kif ukoll il-mekkaniżmi ta' finanzjament relatati, sabiex daww il-kundizzjonijiet isiru aktar trasparenti, prevedibbli, aċċessibbli u stabbli, speċjalment għall-persunal li jkun fil-bidu tal-karriera tiegħu;
 - b) l-għoti ta' remunerazzjoni proporzjonata ħielsa mid-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri, u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-kundizzjonijiet tax-xogħol flessibbli għall-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali li jgħinu biex ilaq qgħu flimkien il-ħajja personali u tal-familja, ir-responsabbiltajiet ta' indukrar, kif ukoll is-saħħa, is-sikurezza u l-benesseri ġenerali, mingħajr impatt negattiv għall-karrieri tagħhom;
 - c) l-għoti ta' aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata irrispettivament mill-forma ta' impjeg, mingħajr impatt negattiv għad-dritt tal-Istati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji fundamentali tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom. Tali miżuri jistgħu jappartjenu għall-fergħat li ġejjin, dment li huma pprovdu fl-Istati Membri: benefiċċji għall-qgħad; benefiċċji għall-kura tas-saħħa; liv tal-maternità; liv tal-paternità u leave tal-ġenituri u l-benefiċċji relatati; benefiċċji tal-invalidità; benefiċċji tad-diżabilità; benefiċċji tax-xjuħija u l-benefiċċji tas-superstiti; benefiċċji marbuta ma' aċċidenti fuq ix-xogħol u ma' mard okkupazzjonali;

- d) l-għoti ta' aċċess għal informazzjoni aggrornata, komprensiva, faċli għall-utent u li tinftiehem b'mod ċar dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-protezzjoni soċjali tagħhom, u t-tisħiħ tal-preżervazzjoni, l-akkumulazzjoni u/jew it-trasferiment tal-intitolamenti – kemm jekk akkwistati permezz ta' skemi obbligatori jew volontari – f'kull tip ta' status ta' impjeg jew ta' impjeg indipendenti, bejn il-fruntieri tal-UE, u bejn is-setturi ekonomiċi, matul il-ħajja tax-xogħol ta' persuna jew matul ċertu perjodu ta' referenza u bejn skemi differenti fi ħdan fergħa partikolari tal-protezzjoni soċjali;
- e) il-persunal akkademiku jiġi mħeġġeġ jinvolvi ruħu, fl-istadji kollha tal-karrieri tiegħu u irrispettivament mit-tip ta' kuntratt ta' impjeg tiegħu, fit-tagħlim u fl-apprendiment, fir-riċerka, u fit-trasferiment tal-għarfien mingħajr interferenzi jew biża' ta' ritaljazzjoni billi:
- i) ikun hemm kontribut għall-effettività tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ li jippromwovu u jiddefendu l-libertà akkademika;
 - ii) jiġu ddefiniti l-oqfsa għall-protezzjoni ta' membri individwali tal-persunal akkademiku kontra interferenzi u theddid esterni bla bżonn;
 - iii) isir kontribut għat-trasparenza fil-ftehimiet ta' finanzjament jew ta' kooperazzjoni permezz ta' applikazzjoni ta' għestjoni effettiva tar-riskju;

- f) jiġu appoġġati l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-bilanċ bejn il-ġeneri, l-opportunitajiet indaqs u l-inklużività b'approċċ intersezzjonali għall-persunal akkademiku minn kull sfond, inkluż billi jiġu żviluppjati u kondiviżi prattiki tajbin fl-edukazzjoni għolja fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużività u d-diversità;
- g) jiġu appoġġati l-miżuri effettivi mmirati lejn il-ħolqien ta' ambjent tax-xogħol inklużiv u sikur li jħaddan id-diversità fis-sens wiesa' u li jkun ħieles minn kull forma ta' vjolenza, fastidju u diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip abbażi ta' raġunijiet bħall-ġeneru, l-età, id-diżabilità, l-orijini razzjali, etnika jew nazzjonali, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-orjentazzjoni sesswali, billi:
- i) jiġu mħeġġa inizjattivi li jgħinu lill-persunal akkademiku femminili biex jikseb livell għoli ta' anzjanità akkademika u rwoli ta' maniġment/tmexxija superjuri;
- ii) tiġi promossa l-introduzzjoni ta' pjanijiet għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u pjanijiet usa' ta' diversità u inklużjoni fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, u fil-proċessi ta' promozzjoni tal-karriera, u jingħata inkoraġġiment lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex jew jużaw l-għodod eżistenti jew jiżviluppaw oħrajn ġodda bħall-karti tad-diversità u l-inklużjoni, il-kodiccijiet ta' kondotta, il-materjali ta' gwida jew il-manwali;
- iii) isir kontribut għal prattiki ta' evalwazzjoni aktar ta' appoġġ u bbażati fuq il-fiduċja, il-prijoritizzazzjoni tal-motivazzjoni intrinsika, il-feedback miftuħ, u l-kollaborazzjoni, inkluż billi tiġi żviluppata l-bażi għat-tfassil ta' politika imnebbħa mill-evidenza dwar l-inklużjoni u d-diversità.

3. F'konsultazzjoni mal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, jipromwovu, jirrikonoxxu u japprezzaw l-involviment f'kooperazzjoni reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali aktar profonda, u b'mod partikolari:
- a) jinkoraġġixxu u jappoġġaw l-involviment tal-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali f'attivitajiet ta' kooperazzjoni reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali aktar profondi bħal programmi għal lawrja konġunta jew offerti konġunti ta' edukazzjoni u taħriġ li jistgħu jwasslu għal ċertifikazzjoni, bħal mikrokredenzjali, fil-livelli kollha u fid-dixxiplini kollha, billi jivvalutaw tali attivitajiet. Pereżempju, billi:
 - i) jikkunsidraw l-integrazzjoni tal-oġġettivi relatati mal-kooperazzjoni edukattiva fil-moġħdijiet tal-karriera, u fil-politika tal-persunal fil-livelli nazzjonali, reġjonali u istituzzjonali;
 - ii) iqisu l-iżvilupp ta' attivitajiet edukattivi konġunti fl-evalwazzjoni tal-karriera akkademika tal-persunal akkademiku;
 - iii) iqisu l-ħidma relatata mal-kooperazzjoni reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali fit-total tas-siġhat tax-xogħol tal-persunal akkademiku u tas-servizzi professjonali;
 - b) ikollhom l-għan, f'konsultazzjoni mas-settur tal-edukazzjoni għolja, li jiżviluppaw perspettivi tal-karriera fit-tul flessibbli u miżuri ta' ġestjoni tat-talenti mmirati lejn il-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali involuti fil-koordinazzjoni u l-ġestjoni tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, bħall-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej u mudelli ta' kooperazzjoni oħrajn ta' Erasmus+;

- c) jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' opportunitajiet ġodda għall-mobbiltà Ewropea u internazzjonali, filwaqt li joffru wkoll forom alternattivi bħall-kollaborazzjoni virtwali għal dawk li ma jistgħux jivvjaġġaw, għall-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali, inkluż billi jisfruttaw l-istrumenti eżistenti għall-ġestjoni tal-karriera u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, bħall-pjattaforma Europass u n-l-konsulenti tal-mobbiltà tan-Network tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES);
 - d) jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jiddedikaw kapaċità adegwata tar-riżorsi umani għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali;
 - e) jinkoraġġixxu l-possibbiltà li l-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali jinvolvu ruħhom fit-tagħlim tul il-ħajja, inkluż billi jieħdu liv sabbatiku jew forom oħra ta' liv bl-għan li jtejbu l-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom.
4. Jinvolvu ruħhom f'aktar tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza mmirata lejn il-ħolqien ta' kundizzjonijiet kompetittivi, prevedibbli, sikuri, ġusti u mhux diskriminatorji fid-dinja akkademika bbażati fuq id-data organizzazzjonali, reġjonali, nazzjonali u Ewropea disponibbli dwar il-politika dwar il-karrieri u l-persunal fl-edukazzjoni għolja.
5. Isegwu din ir-Rakkomandazzjoni fi żmien debitu biex jippermettu l-implimentazzjoni sħiħa tal-oġġettivi ewlenin tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija Ewropea li tagħti s-setgħa lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għall-futur tal-Ewropa¹³.
6. Jinformaw lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-istruttura ta' governanza tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ¹⁴, dwar il-miżuri korrispondenti li għandhom jittieħdu fil-livell xieraq biex jiġu appoġġati l-oġġettivi ta' din ir-Rakkomandazzjoni bħala passi essenzjali lejn il-kisba u l-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.

¹³ ĠU C 167, 21.4.2022, p. 9.

¹⁴ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-istruttura ta' governanza tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030), (ĠU C 497, 10.12.2021, p. 1).

JIEĦU NOTA TAL-INTENZJONI TAL-KUMMISSJONI LI:

1. Tikkoordina, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u s-sħab soċjali, fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni Għolja tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ, il-ħidma li tħejji l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija Ewropea li tagħti s-setgħa lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għall-futur tal-Ewropa, u tipprovdi pariri dwar kif l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jistgħu jtejbu l-attraenza tal-karrieri tal-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali; tħejji qafas Ewropew ta' kompetenza għall-persunal akkademiku, biex ittejjeb il-permeabbiltà tal-karrieri fis-setturi kollha, filwaqt li tibni fuq l-oqfsa ta' kompetenza rilevanti eżistenti fil-livell tal-Unjoni, inkluż il-Qafas Ewropew ta' Kompetenza għar-Riċerkaturi (ResearchComp) u għodod bħal dawk offruti mill-Istrateġija tar-Riżorsi Umani għar-Riċerkaturi (HRS4R) u l-Ftehim dwar ir-Riforma tal-Valutazzjoni tar-Riċerka, kif xieraq.
2. Ittejjeb l-appoġġ għad-djalogu soċjali fil-livell tal-Unjoni dwar il-karrieri tal-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali, b'mod partikolari fi ħdan id-djalogu soċjali settorjali Ewropew fl-edukazzjoni, tiffaċilita t-tagħlim bejn il-pari bejn l-Istati Membri dwar mekkaniżmi effettivi biex jiġi żgurat ir-rikonoxximent tal-involviment tal-persunal tas-servizzi akkademiċi u professjonali fil-kooperazzjoni tranżnazzjonali u l-attivitajiet ta' tagħlim innovattivi; u li tappoġġa politika bbażata fuq l-evidenza u l-monitoraġġ tal-progress billi timmappja d-data eżistenti dwar il-karrieri fl-edukazzjoni għolja u l-politika tal-persunal fil-livelli Ewropej, nazzjonali u istituzzjonali permezz tal-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja u r-ReICO bl-użu ta' sinerġiji, u l-identifikazzjoni ta' lakuni u ħtiġijiet tad-data.

3. Trawwem sinerġiji mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u imprenditorjali fl-Ewropa, sabiex jiġu żgurati karrieri mtejba u konsistenti għall-persunal akkademiku li jaħdem f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u li jkun involut kemm fit-tagħlim u fir-riċerka kif ukoll fit-trasferiment tal-għarfien.
4. Tkompli tiżviluppa, tippromwovi u tipprovdi appoġġ għall-kooperazzjoni edukattiva tranżnazzjonali u l-eċċellenza edukattiva innovattiva permezz ta' sorsi ta' finanzjament rilevanti fil-livell tal-Unjoni, inkluż permezz tal-programm Erasmus+¹⁵ u programmi oħra tal-UE, u tħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku biex jirċievu għarfien espert tekniku mmirat għat-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, inkluż billi jrawmu l-kooperazzjoni bejn dawk li jfasslu l-politika, ir-riċerkaturi, id-dinja akkademika u l-atturi soċjo-ekonomiċi u billi jiżviluppaw l-attraenza tal-karrieri akkademiċi.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1).